**8 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.,**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Carmel Manicaro

*versus*

Joseph Zahra

## Bejgħ ta' Vettura - Ħtieġa ta' Skrittura - Evażjoni tal-Boll

*Biex legalment ikun hemm il-bejgħ ta' vettura jeħtieġ li dan il-bejgħ ikun sar permezz ta' skrittura.*

*Jidher li l-attur kellu l-intenzjoni li jbiegħ vettura lill-konvenut b'mod li jkun evitat li jħallas il-boll fuq it-trasferiment.*

*Il-konvenut mhux biss issottoskriva għal din l-evażjoni tal-fisco imma effettivament attwaha. Hu ovvju allura li japplika l-prinċipju fondamentali li ħadd ma jista' jieħu vantaġġ mit-turpitudni tiegħu stess.*

*Dan apparti l-konsegwenza legali li jekk l-evażjoni tal-boll tinfiċċja l-att sal-punt li tirrendih null u għalhekk l-obbligazzjoni ma toħloq l-*

***ebda effetti fil-liġi, hu ovvju li f'sitwazzjoni simili kollox għandu jirriverti għall-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ il-kuntratt infiċċjat.***

Il-Qorti:-

L-attur qed jirreklama mingħand il-konvenut il-ħlas ta' ammont ta' Lm1,500 b'din iċ-ċitazzjoni:

"L-attur ippremetta illi l-appellant konvenut għandu jħallsu somma ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1,500) bilanċ minn somma akbar, prezz ta' vettura *Dutch Truck with Telescopic Hiup* numru ta' reġistrazzjoni C-1621, mibjugħa u kkonsenjata;

Il-konvenut eċċepixxa illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut peress illi l-konvenut ma xtara l-ebda *truck* mingħand l-attur;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tal-25 ta' Jannar, 1993 ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet attriċi u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut appellant iħallas lill-attur appellat is-somma ta' Lm1,500 u l-ispejjeż;

*Omissis*;

Il-persuni involuti li taw il-ħajja lill-fatti meritu tal-kawża huma f'din l-ordni:

Joseph Darmanin - għas-soċjeta' D & A Co. Ltd. li kienet proprjetarja ta-*Truck Dodge* li riedet tbiegħ;

John Bonnett - sensal imqabbad minn Darmanin biex isib il-

bejgħ tat-*truck* u li sab lill-attur biex jixtrih;

Carmel Manicaro - l-attur, li ftiehem li jixtri t-*truck* mingħand Darmanin u li ddeċieda li jixtrih bin-nifs kif ftehmu. Infatti Bonnett kien jirċievi l-pagamenti mingħand l-attur;

Joseph Zahra - il-konvenut, li skond l-attur "xtara" it-*truck* mingħandu. Hu pero', jippretendi li l-attur kien biss sensal fin-negozju meta xtara t-*truck* u dana bejnu u bejn Joseph Darmanin;

Kif sewwa innotat l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, hemm diverġenza enormi bejn it-teżi ta' l-attur u dik tal-konvenut. Filwaqt li l-attur jippretendi li huwa biegħ lill-konvenut it-*truck* bil-prezz ta' Lm1,700 (elf u seba' mitt lira Maltija) li minnhom tah biss Lm200 (mitejn lira Maltija) akkont, il-konvenut qed jiċħad dan kollu u jsostni li huwa qatt ma xtara xejn mingħand l-attur. Il-Qorti eżaminat il-provi prodotti u waslet għall-konvinċiment, kif ukoll waslet l-Ewwel Qorti, illi l-versjoni ta' l-attur appellat hi ferm aktar attendibbli u kredibbli. Dan avolja ma kellhiex il-vantaġġ bħall-Ewwel Qorti li tisma' x-xhieda *viva voce* u tapprezza l-komportament tagħhom fil-pedana tax-xhieda;

Tinnota biss is-segwenti:

*Omissis*;

Bilfors il-Qorti trid tikkonkludi - kif ġustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti illi l-appellant arrikkixxa ruħu indebitament a skapitu tal-konvenut;

L-appellant jipprova jsib rifuġju u difiża għad-domanda għall-

pagament ta' l-ammont minnu dovut f'argument legali. Isostni li l-bejgħ tat-*truck* mill-appellant - jekk sar - kien null u mingħajr effett fil-liġi għax dan il-bejgħ kien jirrikjedi *ad validitatem* il-formalita' ta' l-iskrittura. "Ħaġa li ma saritx u ma ġietx ippruvata". Anke hawn, pero', l-appell huwa insostenibbli;

Jiġi nnotat:

Hu minnu illi biex ikun hemm legalment il-bejgħ ta' vettura jeħtieġ li dan il-bejgħ ikun sar permezz ta' skrittura. L-attur isostni li din l-iskrittura saret pero' ma pproduċihiex. Naturalment, il-konvenut li jsostni li ma sarx dan il-bejgħ ma kienx mistenni li jipproduċiha hu, avolja l-attur xehed li l-iskrittura għaddiha f'idejn l-appellant. L-appellant ukoll jixhed li kienu jingħatawlu riċevuti mal-pagament li kien jagħmel l-appellat u li fl-aħħar meta allura suppost li kien ħallas l-ammont bilanċjali kollu, kien ingħata mill-appellat riċevuta għall-ammont sħiħ. Riċevuti illi huma ukoll prova dokumentarja li setgħet forsi sservi bħala prova tal-bejgħ u tissodisfa l-vot bħala formalita' ta' l-iskrittura, imma anke dawn l-irċevuti baqgħu ma ġewx prodotti;

Issa hu veru li jidher li l-ħsieb ta' l-attur meta xtara t-*truck* mingħand Darmanin bil-ħsieb li jbiegħu lil terzi, f'dan il-każ lill-konvenut appellat, kellu l-intenzjoni li jagħmel dan b'mod li jiġi evitat li jħallas il-boll fuq it-trasferiment. Għall-preċiżjoni, il-boll fuq it-trasferiment bejnu u bejn Darmanin u mhux bejn Darmanin u l-konvenut appellant, li naturalment kien lest li jħallsu l-konvenut, kif fil-fatt ħallsu. Sewwa jingħad li l-konvenut mhux biss issottoskriva għal din l-evażjoni tal-*fisco* imma effettivament attwaha meta bl-aġir qarrieqi tiegħu rnexxielu jikkonvinċi lil Darmanin idawwar fuq ismu t-*transfer* tat-*truck* u dana direttament

u jaqbeż in-negozju intermedju li kien sar bejn l-attur u l-istess Darmanin. Hu ovvju allura li japplika l-prinċipju fondamentali li ħadd ma jista' jieħu vantaġġ mit-turpitudini tiegħu stess. Dan apparti l-konsegwenza legali li jekk l-evażjoni tal-boll tinfiċċja l-att sal-punt li tirrendih null u għalhekk l-obbligazzjoni ma toħloq l-ebda effetti fil-liġi, hu ovvju li f'sitwazzjoni simili kollox għandu jirriverti għall-posizzjoni *li kienet qabel ma seħħ il-kuntratt infiċjat. Dan* ifisser illi l-konvenut kien ikollu jirritorna t-*truck* lill-attur u jieħu lura l-akkont ta' Lm200 (mitejn lira Maltija) li jirriżulta li ħallas. Dan mhux fattibbli jekk xejn anke għaliex it-*truck* kien legalment u jkun baqa' tas-soċjeta' rappreżentata minn Darmanin. Hu ukoll fatt li l-appellat qatt ma seta' jittrasferixxi t-*truck* peress li l-vettura kienet għadha rreġistrata fuq isem dan Darmanin. Dan ma jfissirx, pero', illi l-appellant kellu xi dritt li japproprja għalih innifsu l-pagamenti magħmula mill-appellat għas-saldu tal-prezz tat-*truck* lil Darmanin jew li bis-saħħa tagħhom jakkwista f'ismu t-*truck*. Hu f'dan is-sens li trid tinqara ċ-ċitazzjoni li, anke jekk mhux redatta *f'termini għal kollox feliċi, tista' bla diffikulta' tinftiehem illi l-*attur qed iħarrek għall-pagament lura ta' l-ammont li jirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz tat-*truck* dovut lilu mill-konvenut u li akkwistah permezz ta' l-operat ta' l-istess attur mingħand terzi. Una volta wieħed ikun a konoxxenza x'ġara, fil-fatt, iċ-ċitazzjoni tieħu x-xejra ta' azzjoni għal rifużjoni ta' arrikkiment indebitu a skapitu ta' l-attur. Għall-konvenut li pprovoka l-azzjoni bl-aġir tiegħu dan kollu huwa aktar minn ċar u ma setax ma jifhimx, meta rċieva l-att taċ-ċitazzjoni, x'kien qed jintalab minnu b'dak l-att. Il-Qorti tqis allura l-frażi "prezz ta' vettura" wara l-kliem "l-ammont pretiż" fiċ-ċitazzjoni bħala deskrittiva ta' l-oriġini tal-kreditu aktar milli tat-*titolu li bih l-attur kien qed jippretendi li hu lilu dovut. Sa hawn l-*atti jistgħu jiġu salvati bla wisq diffikulta';

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell, bl-ispejjeż taż-

żewġ istanzi kontra l-appellant.